MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Numru. 1134/2014

**Il-Pulizija**
**Spettur Saviour Baldacchino**

**VS**

**Kurt Amato detentur tal-karta tal-identita' numru 44797M;**
**OMISSIS**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kurt Amato** li gie akkuzat talli f'xi hin nhar is-16 ta' Novembru, 2014, gewwa Misrah Lewza, San Gwann:

1. Ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom gojjellerija ghad-detriment ta’ Helen Micallef, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezzk bil-lok, bi ksur tal-Artikolu 261(b)(c)(e), 263(a), 265, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli kser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D., nhar it-3 ta’ Settembru, 2014;

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu permezz ta’ digriet mahrug mill-Magistrat Dr Josette Demicoli nhar il-25 ta’ Settembru, 2013;

4. U aktar talli kiser sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, u dan ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fi stadju ta' interrgatorju huwa wiegeb li ma kinx hati tal-istess akkuzi.

Rat pero li izjed tard, fi stadju avvanzat tal-proceduri, wiegeb illi kien hati tal-istess, anke wara li gie moghti zmien jahseb fuq l-ammissjoni tieghu.

Rat il-provi kollha prodotti.

Senjatament jirrizulta mill-istaqrrija minnu rilaxxata u esebita a folio 20, illi huwa qabel illi li kien qieghed f'perjodu ta'

Probation, u li kellu anke varji kundizzjonijet ta' liberta' provizorja.

Dwar is-serqa ammetta li huwa kien dahal fil-fond misruq wara li kienet l-istess habibtu Kimberly li kienet tatu c-cavetta tal-istess fond biex taghha jaghmillha kopja. Qal ghalhekk illi anke ghax minn Kimberley, minn diskorsha, kien jaf fejn nannitha kienet izzomm il-gojjelerija, illi hu kien ghalhekk dahal fid-dar tan-nanna bil-kopja tac-cavetta li kien ghamel, u minn hemm seraq gojjellerija u camera tar-ritratti. Qal illi minn dawk li ha, ftit crieket biss kienu tad-deheb u ta' dawn huwa gabar is-somma ta' mitejn Ewro (€200) li minnha ta lil siehbu s-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150).

Il-kwistjoni tal-qtiegh tac-cavetta giet fil-fatt ikkonfermata bil-gurament mill-istess **Kimberly**.

Minn naha taghha, nannitha, id-derubata **Helen Micallef**, xehdet illi waqt illi kienet barra minn darha hija spiccat minn hemm misruqa. Xehdet dwar dak illi ttiehed lilha u esebiet ta' hekk lista minnha redatta dwar dak illi hi giet derubata. Xehdet illi t-tliet crieket lilha misruqha kienu jiswew elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300), kif ukoll illi kien naqsilha arlogg tad-deheb.

Minn naha tieghu, **Lucas Johansen** li kellu l-kawza tieghu li ghaddiet in gudikat, ukoll ikkonferma din is-serqa kommessa minnu u mill-akkuzat odjern. Ikkonferma li hu u Kurt serqu mill-fond in kwistjoni, hadu crieket, gizirajjen, u brazzuletti kif ukoll camera tar-ritratti. Qal illi hu ta' dawn ha hamsin Ewro (€50). Qal ukoll illi wara s-serqa ramew diversi oggetti li ma kellhomx valur, zammew biss id-deheb. Ramiehom hu

stess. Ikkonferma wkoll illi meta dahlu fir-residenza tan-nanna, kien l-istess Kurt li fetah bic-cavetta.

Rat ukoll l-Artikoli Lilha mibghuta mill-Avukat Generali taht liema kien hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe':

a. Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 265, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 7, 21(1)(2)(3), 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 49, 50, 289(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
f. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess, Kurt Amato ta l-kunsens tieghu ghal-proceduri sommarji (folio 73).

Rat ukoll is-sentenzi esebiti mill-Ispettur Saviour Baldacchino, dik moghtija minn din il-Qorti kif preseduta datata 3 ta' Settembru 2013, fejn Kurt Amato tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin, kif ukoll ghal servizz fil-komunita' ta' mitt (100) siegha.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk, ezaminati l-provi Lilha kollha prodotti u tenut kont ukoll tal-ammissjoni tal-imputat, qieghda ssib lil Kurt

Amato hati tal-akkuzi fil-konfront ta' serq u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 265, 267, 269,270, 278, 279, 280, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll illi ma giet esebita Lilha ebda sentenza in sostenn tar-recidiva u lanqas digriet tal-liberta provisorja' li jindika ksur ta' dan, ghalhekk din il-Qorti qeghda tillibera lil Kurt Amato minn hekk. Dwar il-ksur tal-Ordni tal-Probation, din il-Qorti kif preseduta tista' facilment tiehu '*judicial notice*' tal-fatt illi dawn il-proceduri relatati mal-istess ksur qed jinstemghu quddiemha, u konsegwentement tastjeni f'dan l-istadju mill tiehu konizzjoni ulterjuri ta' dan.

Dwar il-piena, qieset illi sar hafna diskors ta' possibbli rizarciment;

Qieset ukoll illi dan il-guvnott f'temp ta' sena (1) gia' kkommetta zewg (2) serqiet, dan meta hu suppost ha vantagg mill-opportunita' lilu moghtija minn din il-Qorti meta taghtu l-beneficcju ta' Ordni ta' Probation biex tghinu, mhux biex ikun barra u jerga', issa ghat-tielet darba, jikkommetti serqa ohra. Dan kollu qed jinghad meta wiehed iqis ukoll l-eta' tenera li hu fiha gia' beda fit-triq tal-kriminalita', hajja li donnha tant toghgbu li ma jridx johrog minnha hlief meta l-Qorti tkun waslet biex taghtih sentenza. Dan frankament ftit f'mohh din il-Qorti jispira xi *voglia* ta' progress sincier minn naha ta' Kurt Amato, ghalhekk din il-Qorti tqies illi l-piena idonea ghandha tkun dik ta' habs effettiv.

Qieset ukoll dak illi xehdet Helen Micallef dwar il-valur tac-crieket misruqa, fejn tat valur ta' elfejn u tlitt mitt Ewro (€2,300) - dan bla ebda provi ohra, il-Qorti tqis illi huwa wiehed approssimattiv, u ghalhekk qieghda tapplika l-effetti

tal-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-piena.

Qieset ukoll l-eta’ tal-imputat u qieghda ghalhekk tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sena (1) habs, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 279, 280, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tilliberah mill-aggravant tal-mezz in kwantu ebda imfietah foloz ma gew uzati kif irrizulta, u dan kif definit fl-Artikolu 263 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------